# FIL-QORTI CIVILI
# PRIM'AWLA

## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**tnejn (2) ta' Lulju 2019**

**Rikors Numru 1102/18 FDP**

Fl-ismijiet

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177)**

**Vs**

**Sovereign Hotels Limited (C 10538)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 2 ta' Novembru 2018, li permezz tieghu s-socjeta' rikorrenti talbet is-segwenti:

> *"Ghalhekk, is-socjeta' rikorrenti, prevja kull dikjarazzjoni u provvediment opportun, titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti tawtorizza lis-socjeta' rikorrenti tghaddi ghall-esekuzzjoni tal-istess titolu ezekuttiv fuq imsemmi stante li ghaddew izjed minn hames snin mid-data ta' l-istess kuntratt u li d-dejn ghadu mhux saldat kollu u dan ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta minn fejn jirrizulta li r-rikorrenti ghandu: "jikkonferma bil-gurament x-xorta tad-dejn ... li jkun l-ezekuzzjoni taghha u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut."*

2. Rat il-Kuntratt ta’ Kostituzzjoni ta’ Debitu u Kompromess ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Attard fis-17 ta’ Ottubru 2013.

3. Rat illi fis-26 ta’ Novembru 2018 is-socjeta’ intimata Sovereign Hotels Limited giet debitament notifikata (fol 23).

4. Rat illi fid-29 ta’ Marzu 2019, kif issejjhet il-kawza quddiem il-Qorti, diversament ippresjeduta, s-socjeta’ intimata ma dehritx u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas 6 ta’ Gunju 2019.

5. Rat illi fit 23 ta’ Mejju 2019, dina l-Qorti, kif ippresjeduta, irrikjamat il-kawza ghas-26 ta’ Gunju 2019 u, ghal darba ohra, s-socjeta’ intimata u/jew rappresentant taghha ma dehrux.

6. Rat illi fis-26 ta’ Gunju 2019 il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

7. Rat illi l-kontenut tar-rikors promotur gie kkonfermat bil-gurament tal-PL Catherine Fenech fl-24 ta’ Ottubru 2018.

8. Tiddikjara li l-proceduri odjerni w d-dokumentazzjoni esebita jissodisfaw id-dettam tal-Artikolu 258 tal-Kap 12.

9. In vista ta’ dan, din il-Qorti hi sodisfatta li s-socjeta’ rikorrenti ipprovat l-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

**Il-Qorti**

Tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ rikorrenti kif dedotti;

Tawtorizza l-ezekuzzjoni tal-Kuntratt ta’ Kostituzzjoni ta’ Debitu u Kompromess ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Attard datat 17 ta’ Ottubru 2013 b’effett mill-lum, skond il-Ligi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ intimata.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imhallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Registratur**